

EBA/GL/2022/02

24 ta' Frar 2022

Linji Gwida

dwar l-esklużjoni tan-network limitat
skont il-PSD2

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 08.06.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu meqjusa li jkunu mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/02". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni bl-awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw l-applikazzjoni tal-esklużjoni skont l-Artikolu 3(k) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 dwar servizzi ta' pagament fis-suq intern (PSD2)².
6. Barra minn hekk, dawn il-Linji gwida jispeċifikaw dettalji dwar il-proċess ta' notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 u dwar id-deskrizzjoni tal-attività li saret disponibbli pubblikament skont l-Artikolu 37(5) tal-PSD2.

Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-Linji Gwida japplikaw b'rabta mas-servizzi bbażati fuq strumenti ta' pagament speċifiċi li jistgħu jintużaw biss f'mod limitat kif speċifikat skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD2. B'mod partikolari, il-Linji Gwida jistabbilixxu kriterji u fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet kompetenti fil-valutazzjoni dwar jekk l-attivitajiet għandhomx jaqgħu taħt l-esklużjonijiet tal-Artikolu 3(k).
8. Dawn il-Linji Gwida japplikaw ukoll għall-proċess ta' notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2, inklużi l-kalkolu tal-limitu u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fin-notifika sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti mill-emittenti.
9. Barra minn hekk, dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-informazzjoni li għandha ssir disponibbli pubblikament fuq ir-reġistru nazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti u r-reġistru ċentrali tal-EBA f'konformità mal-Artikolu 37(5) tal-PSD2.
10. Finalment, partijiet minn dawn il-Linji Gwida japplikaw għal servizzi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 li huma pprovduti minn fornituri regolati tas-servizzi ta' pagamenti u emittenti tal-flus elettroniċi.

Destinatarji

11. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (2)(vi) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

² Huwa nnotat ukoll li, f'konformità mal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2009/110/KE dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (EMD2) id-Direttiva ma tapplikax għall-valur monetarju mażżun fuq strumenti esklużi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

12. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2022.

Dispożizzjonijiet tranżitorji

13. Dawn il-Linji Gwida huma soġġetti għall-arranġamenti tranżitorji li ġejjin:

- a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-emittenti li jibbenefikaw mill-esklużjoni skont l-Artikolu 3(k)(i) jew (ii) tal-PSD2 u li diġà sottomettew notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 biex jerġgħu jissottomettu n-notifika b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida sal-1 ta' Settembru 2022.
- b) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw in-notifiki sottomessi mill-ġdid skont il-paragrafu 13(a) b'mod mgħaġġel.

4. Linja Gwida dwar l-esklużjoni tan-network limitat skont id-Direttiva (UE) 2015/2366

Linja Gwida 1: Strumenti ta' pagament speċifiċi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2

- 1.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-istrumenti ta' pagament speċifiċi li jistgħu jintużaw biss b'mod limitat skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 huma strumenti ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(14) tal-PSD2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lit-tipi differenti kollha ta' strumenti ta' pagament skont il-PSD2 li jibbenefikaw minn esklużjoni skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2.
- 1.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-istrumenti ta' pagament speċifiċi jistgħu jintużaw għall-akkwist kemm ta' oġġetti u servizzi fiżiċi kif ukoll diġitali.
- 1.3. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhom jimponu l-ebda restrizzjoni fuq il-mezzi ta' trasferiment ta' fondi lill-istrument ta' pagament, li jista' jsir permezz tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament u/jew permezz tal-ħruġ ta' flus elettroniċi. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li, fil-każijiet fejn il-fondi jiġu trasferiti lill-istrument ta' pagament bl-użu ta' intermedjarju li ma jkunx l-emittent, it-trasferiment ta' fondi għandu jittqies bħala servizz ta' pagament separat li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tas-servizz eskluż skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2.
- 1.4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċekkjaw, matul il-valutazzjoni tal-informazzjoni mogħtija mill-emittenti li jipprovdu servizzi bbażati fuq strument ta' pagament li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k) tal-PSD2 fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom, jekk dawn l-emittenti japplikawx restrizzjonijiet tekniċi u kuntrattwali li jillimitaw l-użu tal-istrument ta' pagament. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jikkunsidraw is-sempliċi preżenza ta' kuntratt bejn l-emittent u d-detentur tal-istrument ta' pagament bħala restrizzjoni tekniċa.
- 1.5. Ir-restrizzjonijiet tekniċi speċifiċi għandhom mill-inqas japplikaw għal:
 - a) il-fornituri ta' oġġetti u servizzi fejn l-istrument ta' pagament jista' jintuża, applikabbli għall-esklużjoni skont l-Artikolu 3(k)(i) tal-PSD2; jew
 - b) il-firxa ta' oġġetti u servizzi li jistgħu jinxtraw bl-istrument ta' pagament, applikabbli għall-esklużjoni skont l-Artikolu 3(k)(ii) tal-PSD2; jew

- c) il-post ġeografiku għall-akkwist ta' oġġetti jew servizzi minn fornituri speċifiċi għal finijiet soċjali jew tat-taxxa speċifiċi, applikabbli għall-esklużjoni skont l-Artikolu 3(k)(iii) tal-PSD2.
- 1.6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li pagament uniku b'kard jew b'mezz ta' pagament ieħor jista' jakkomoda b'mod simultanju aktar minn strument ta' pagament speċifiku wieħed fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k) tal-PSD2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li r-restrizzjonijiet tekniċi u kuntrattwali speċifikati fil-Linji Gwida 1.4 u 1.5 japplikaw għal kull strument ta' pagament speċifiku.
- 1.7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li pagament uniku b'kard jew b'mezz ta' pagament ieħor ma jistax jakkomoda b'mod simultanju strumenti ta' pagament fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD2 u strumenti ta' pagament speċifiċi fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k) tal-PSD2.
- 1.8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-emittenti jistgħu joħorġu aktar minn strument ta' pagament speċifiku wieħed skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2, dejjem jekk kull strument ta' pagament jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.
- 1.9. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jikkunsidraw l-abbiltà ta' rimborż tal-valur monetarju maħżun fuq l-istrument ta' pagament fil-valutazzjoni dwar jekk l-istrument ta' pagament jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k) tal-PSD2.
- 1.10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-istrumenti ta' pagament li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k) tal-PSD2, li jaħżnu valur monetarju fuq l-istrument ta' pagament, jistgħu jew ikunu rikarikabbli jew għall-użu ta' darba biss.
- 1.11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li strument ta' pagament uniku eskluż skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 ma jistax jibbenefika minn aktar minn esklużjoni waħda mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD2, inklużi esklużjonijiet oħrajn skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2.
- 1.12. L-emittent tal-istrument ta' pagament speċifiku jista' jkun stabbilit fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-awtorità kompetenti rispettiva li tkun irċeviet in-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2.
- 1.13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-esklużjonijiet skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 għandhom jinkludu, *inter alia*, tranżazzjonijiet aċċettati mill-emittent innifssu meta t-tranżazzjoni sseħħ fi ħdan network li jibbenefika minn esklużjoni skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 u l-emittent innifssu jkun aċċettatur f'dak in-network.

Linja Gwida 2: Network limitat ta' fornituri ta' servizz skont l-Artikolu 3(k)(i) tal-PSD2

- 2.1 Waqt il-valutazzjoni dwar jekk l-użu ta' strument ta' pagament speċifiku huwiex limitat fi ħdan network limitat ta' fornituri ta' servizz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom

jikkunsidraw il-kriterji kollha li ġejjin fil-valutazzjoni tal-informazzjoni mogħtija mill-emittent man-notifika sottomessa skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2:

- a) Ikun konkluż ftehim kuntrattwali dirett għall-aċċettazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' pagament bejn l-emittent tal-istrument ta' pagament u kull fornitur ta' oġġetti u servizzi, u, fejn applikabbli, kull aċċettatur, li jopera fi ħdan in-network limitat;
- b) In-numru massimu previst ta' fornituri ta' oġġetti u servizzi li joperaw fi ħdan in-network limitat kif stabbilit mill-emittent fin-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2; u
- c) Il-fornitur joffri oġġetti u servizzi taħt marka komuni li tikkaratterizza n-network limitat u tipprovdi manifestazzjoni viżiva lill-utent tal-istrument ta' pagament.

2.2 B'mod kumplimentari għall-valutazzjoni skont Linja Gwida 2.1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, abbażi tad-daqs u l-ispeċifità tas-suq tagħhom, l-indikaturi addizzjonali kollha li ġejjin:

- a) Iż-żona ġeografika speċifika għall-forniment ta' oġġetti u servizzi, kif stabbilit mill-emittent;
- b) Il-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' pagament li se jsiru bl-istrumenti ta' pagament fuq bażi annwali, kif previst mill-emittent;
- c) L-ammont massimu li se jkun ikkreditat lill-istrumenti ta' pagament, kif previst mill-emittent;
- d) In-numru massimu ta' strumenti ta' pagament li se jinħarġu, kif previst mill-emittent; u
- e) Ir-riskji li jaffaċċja l-klijent meta juża l-istrument ta' pagament speċifiku, kif identifikati mill-emittent.

2.3 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li network limitat ta' fornituri ta' servizz jista' jikkonsisti fi ħwienet fiżiċi biss, fi ħwienet online biss jew f'taħlita ta' ħwienet fiżiċi u online.

2.4 Waqt li ssir il-valutazzjoni stabbilita f'Linji Gwida 2.1 u 2.2, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jagħmlu distinzjoni bejn it-tipi ta' ħwienet u m'għandhomx jirrikjedu li t-tip ta' oġġetti u servizzi offruti fi ħwienet online ikun dipendenti mit-tip ta' oġġetti u servizzi offruti fil-ħwienet fiżiċi jew *vice versa*.

2.5 L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jippermettu l-użu tal-istess strument ta' pagament eskluż skont l-Artikolu 3(k)(i) tal-PSD2 fuq networks limitati differenti ta' fornituri ta' servizz.

- 2.6 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jew l-emittent tal-istrument ta' pagament jew il-fornituri ta' oġġetti u servizzi jkunu jistgħu jiddelegaw il-konklużjoni tal-ftehim kuntrattwali msemmi fil-Linja Gwida 2.1 lil parti terza li taġixxi f'isimhom rispettivament.
- 2.7 L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-Linji Gwida 2.1 u 2.2 b'mod restrittiv li ma jippermettix il-possibbiltà li strument ta' pagament għal skop speċifiku jiżviluppa fi strument ta' pagament għal skop ġenerali.

Linja Gwida 3: Strumenti użati fil-bini tal-emittent skont l-Artikolu 3(k)(i) tal-PSD2

- 3.1 L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li strumenti ta' pagament li jippermettu lid-detentur jakkwista oġġetti jew servizzi biss fil-bini tal-emittent ikunu jistgħu jintużaw biss fil-bini fiżiku u ma jkunux jistgħu jintużaw fil-ħwienet online.

Linja Gwida 4: Firxa limitata ta' oġġetti jew servizzi skont l-Artikolu 3(k)(ii) tal-PSD2

- 4.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li sabiex l-użu ta' strument ta' pagament speċifiku jitqies bħala limitat għall-akkwist ta' firxa limitata ħafna ta' oġġetti jew servizzi skont l-Artikolu 3(k)(ii) tal-PSD2, għandu jkun hemm rabta funzjonali bejn l-oġġetti u/jew is-servizzi li jistgħu jiġu akkwistati bl-istrument ta' pagament.
- 4.2. Matul il-valutazzjoni tar-rabta funzjonali bejn l-oġġetti u/jew is-servizzi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li kategorija speċifika ta' oġġetti u/jew servizzi bi skop komuni tkun ġiet identifikata mill-emittent. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċekjaw jekk l-emittent ikunx identifika l-oġġetti u/jew is-servizzi li jaqgħu taħt il-kategorija speċifika u jekk ikunx iddeskriva r-rabta funzjonali bejniethom fin-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2.
- 4.3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jista' jkun hemm rabta funzjonali bejn l-oġġetti u/jew servizzi fiżiċi u diġitali.
- 4.4. B'mod kumplimentari għall-valutazzjoni skont Linji Gwida 4.1 u 4.2, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, abbażi tad-daqs u l-ispeċifità tas-suq taqgħom, l-indikaturi addizzjonali kollha li ġejjin:
 - a) Il-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' pagament li se jsiru bl-istrumenti ta' pagament fuq bażi annwali, kif previst mill-emittent;
 - b) L-ammont massimu li se jkun ikkreditat lill-istrumenti ta' pagament, kif previst mill-emittent;

- c) In-numru massimu ta' strumenti ta' pagament li se jinħarġu, kif previst mill-emittent; u
 - d) Ir-riskji li jaffaċċja l-klijent meta juża l-istrument ta' pagament speċifiku, kif identifikati mill-emittent.
- 4.5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-Linji Gwida 4.1, 4.2 u 4.4 b'mod restrittiv li ma jippermettix il-possibbiltà li strument ta' pagament għal skop speċifiku jiżviluppa fi strument ta' pagament għal skop ġenerali.

Linja Gwida 5: Forniment ta' servizzi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 minn entitajiet regolati

- 5.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament kif imsemmija fl-Artikolu 1 tal-PSD2 u l-emittenti ta' flus elettroniċi jkunu jistgħu jipprovdu servizzi bbażati fuq strumenti ta' pagament speċifiċi li jistgħu jintużaw biss b'mod limitat, dejjem jekk ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 u dawn il-Linji Gwida jkunu sodisfatti.
- 5.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li fil-każijiet fejn il-fornituri ta' servizz ta' pagament jew l-emittenti ta' flus elettroniċi jipprovdu wkoll servizzi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2, dawn l-entitajiet jiddistingwu s-servizzi ta' pagament regolat/flus elettroniċi mis-servizzi esklużi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 b'mod ċar u faċilment rikonnoxxibbli, inkluż permezz tal-forniment ta' manifestazzjoni viżiva speċifika.
- 5.3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament u l-emittenti ta' flus elettroniċi jinfurmaw lill-utent bl-istrument ta' pagament speċifiku b'mod sempliċi u ċar li s-servizzi provduti mhumiex regolati u sorveljati, u li l-utenti ma jibbenefikawx minn protezzjoni għall-utenti tas-servizzi ta' pagament skont PSD2.
- 5.4. Meta matul il-valutazzjoni tan-notifika msemmija fl-Artikolu 37(2) tal-PSD2, l-awtorità kompetenti tasal għall-konklużjoni li
- a) d-distinzjoni bejn is-servizzi ta' pagament regolat u/jew il-flus elettroniċi u s-servizzi esklużi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 mhijiex ċara jew xierqa biżżejjed, inkluża t-trasparenza tal-komunikazzjoni mal-utenti tal-istrument ta' pagament speċifiku stabbilit fil-Linji Gwida 5.2 u 5.3, u/jew
 - b) is-servizzi esklużi skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 x'aktarx jagħmlu ħsara jew lis-solidità finanzjarja tal-fornitur ta' servizz ta' pagament/l-emittent tal-flus elettroniċi jew lill-abbiltà tal-awtorità kompetenti li timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti legali f'PSD2 u/jew EMD2,

L-awtorità kompetenti għandha tiegħu azzjonijiet superviżorji kif meħtieġ.

Linja Gwida 6: Notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2

- 6.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li n-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 għandha tiġi sottomessa mill-emittent lill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru fejn l-utenti tal-istrument ta' pagament ikunu lokalizzati u fejn il-limitu stabbilit fl-Artikolu 37(2) tal-PSD2 jinqabeż fl-Istat Membru partikolari.
- 6.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li n-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 għandha tiġi sottomessa mill-emittent għal kwalunkwe perjodu partikolari iqsar minn 12-il xahar meta l-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' pagament li jkunu saru jaqbeż l-ammont ta' EUR 1 miljun għal dak il-perjodu.
- 6.3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li n-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 għandha tinkludi informazzjoni dwar it-tip ta' esklużjoni li taqa' taħtha l-attività mwettqa u d-deskrizzjoni tal-attività.
- 6.4. Id-deskrizzjoni tal-attività msemmija fil-Linja Gwida 6.3 għandha tinkludi informazzjoni:
 - a) dwar jekk l-oġġetti u/jew servizzi li jistgħu jiġu akkwistati jkunux fiżiċi u/jew diġitali;
 - b) dwar Stati Membri oħrajn fejn is-servizz skont l-Artikolu 3(k) tal-PSD2 kopert min-notifika lill-awtorità kompetenti jiġi pprovdut mill-istess emittent; u
 - c) kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw in-notifika kontra dawn il-Linji Gwida.
- 6.5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li n-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 għandha tiġi sottomessa mill-emittent darba biss. Għandha tiġi sottomessa notifika ġdida addizzjonali lill-awtorità kompetenti meta kwalunkwe informazzjoni relatata mal-istess strument(i) ta' pagament speċifiku/speċifiki kif mogħtija bin-notifika inizjali tinbidel sostanzjalment.
- 6.6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-bidliet sostanzjali msemmija fil-Linja Gwida 6.5 jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal sitwazzjonijiet fejn:
 - a) il-forniment tas-servizzi esklużi ġie tterminat;
 - b) l-emittent għandu l-intenzjoni li jżid in-numru ta' fornituri ta' oġġetti u/jew servizzi skont il-Linja Gwida 2.1(b);
 - c) l-emittent għandu l-intenzjoni li jespandi ż-żona ġeografika speċifika għall-forniment ta' oġġetti u/jew servizzi skont il-Linja Gwida 2.2(a); jew
 - d) l-emittent għandu l-intenzjoni li joffri servizzi skont l-Artikolu 3(k)(i) jew (ii) tal-PSD2 ibbażati fuq strument mhux kopert min-notifika oriġinali; jew
 - e) il-kategorija speċifika notifikata preċedentement ta' oġġetti u/jew servizzi bi skop komuni msemmija fil-Linja Gwida 4.2 hija intiża biex tinbidel.

- 6.7. F'kull każ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-emittenti jissottomettu notifika ġdida b'informazzjoni aġġornata jekk iqisu li dan ikun meħtieġ biex jiġi stabbilit jekk l-informazzjoni li l-emittent kien ta man-notifika inizjali nbidlitx jew le.
- 6.8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li l-kalkolu tal-limitu skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 għandu jsir fil-livell ta' kull emittent. Fejn emittent uniku jipprovdi servizzi bbażati fuq aktar minn strument ta' pagament speċifiku wieħed skont l-Artikolu 3(k)(i) u/jew (ii) tal-PSD2, il-kalkolu tal-limitu għandu jsir billi jingħaqdu t-tranżazzjonijiet kollha ta' pagamenti li jkunu saru fl-Istat Membru rispettiv mal-istrumenti ta' pagament speċifiċi kollha offruti mill-istess emittent.
- 6.9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-emittent fir-reġistru nazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 14 tal-PSD2 u fir-reġistru ċentrali tal-EBA skont l-Artikolu 15 tal-PSD2 darba biss u jirriflettu b'mod konċiż id-deskrizzjoni tal-attivitajiet imwettqa b'kull strument ta' pagament speċifiku skont l-Artikolu 3(k)(i) u/jew (ii) tal-PSD2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu wkoll fid-deskrizzjoni tal-attivitajiet fir-reġistri l-informazzjoni dwar Stati Membri oħrajn fejn l-istess emittent jipprovdi servizzi skont l-Artikolu 3(k)(i) u/jew (ii) tal-PSD2.
- 6.10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mogħtija mill-emittent man-notifika skont l-Artikolu 37(2) tal-PSD2 tippermettilhom jivvalutaw jekk l-attività taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k)(i) u/jew (ii) tal-PSD2 u jekk hijiex se teħtieġ awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizz ta' pagament jew bħala emittent ta' flus elettroniċi. F'każ li l-informazzjoni mogħtija man-notifika ma tkunx kompluta, tkun vaga jew ambigwa, l-awtorità kompetenti għandha titlob mill-emittent informazzjoni jew kjarifika addizzjonali għall-informazzjoni diġà mogħtija sabiex tittieħed id-deċiżjoni.

Linja Gwida 7: Network limitat skont l-Artikolu 3(k)(iii) tal-PSD2

- 7.1. L-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jeħtieġu li l-istrumenti ta' pagament li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(k)(iii) tal-PSD2 jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-istrumenti esklużi skont l-Artikolu 3(k)(i) u (ii) tal-PSD2.